

L-Ordinanza tal-Kunsill tal-Belt ta' Vjenna li tistabbilixxi Pjan tal-Enerġija Spazjali għall-12-il distrett

F'konformità ma' § 2b tal-Kodiċi tal-Bini ta' Vjenna [Bauordnung für Wien – BO], Gazzetta tal-Liġi Provinċjali għal Vjenna Nru 11/1930, emendata l-aħħar mill-Att ippubblikat fil-Gazzetta tal-Liġi Provinċjali għal Vjenna Nru 70/2021, huwa ordnat is-segwenti:

§ 1. Pjan tal-Enerġija Spazjali f'konformità ma' § 2b tal-BO huwa stabbilit għaż-żoni mmarkati b'żewġ serji ta' linji paralleli li jaqsmu lil xulxin u indikati bl-oranġjo fl-Anness. Iż-żoni tat-traffiku huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ordinanza.

§ 2. L-Anness (Suppliment tal-Pjan) jikkostitwixxi parti integrali minn din l-Ordinanza.

§ 3. Huma biss is-sistemi alternattivi effiċjenti ħafna speċifikati f'§ 118(3) tal-BO li jistgħu jintużaw għall-installazzjonijiet tat-tiżnin u tal-misħun f'bini ġdida f'konformità m'a § 60(1)(a) tal-BO fiż-żoni koperti mill-Pjan tal-Enerġija Spazjali.

§ 4. Din l-Ordinanza ġiet innotifikata f'konformità mad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (Notifika Nru 2023/xx/A).

§ 5. Din l-Ordinanza għandha tidħol fis-seħħ tliet xhur wara l-promulgazzjoni tagħha.

§ 6. Din l-Ordinanza ma għandha tapplika għall-ebda proċedura ta' permess tal-bini pendenti fil-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha.

Il-President

Anness

Suppliment tal-Pjan Nru ERP_Bez12_BV_Plan1_v1.0